BCGL
ADVOCATES

56 Melita Street Valletta VLT 1122 Malta
21240432 | 21238004 | 21236211
www.bcgladvocates.com

Is-Segretarju
Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja
Il-Palazz
Misraħ San Gorġ
Valletta

7 ta' Ottubru 2019

Għażiża Dott. Farrugia,

**Ilment dwar l-aġir tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti**

Inkun grat jekk iġġib dan l-ilment quddiem il-Kummissjoni mill-aktar fis. L-ilment qed isir kemm f'ismi bħala cittadin urtat kif ukoll għan-nom ta' *Repubblika*, entità b'interess dirett fil-kwistjoni.

Jien, ovvjament, konxju il l-Kummissjoni m'għandhiex - u m'għandhiex ikollha - poter tindaħal fil-kontenut tad-deċiżjonijiet tal-ġudikatura u lanqas ma għandha sservi bħala forum ta' reviżjoni jew appell minn tali deċiżjonijiet. Però, l-aġir tal-Imħallef Grixti, li joħroġ ċar fid-digriet wara l-appell li sar minn tlett Ministri fuq talba għal investigazzjoni ġudizzjarja skond il-Kodiċi Kriminali dwar l-aġir tagħhom, iwassal ineżorabbilment, kif ser nuri hawn taħt, biex min jaqra d-degriet jitlef kull rispett għall-proċess ġudizzjarju.

F'dan ir-rigward, nitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra dan li ġej.

**F'Para 113** tad-digriet, l-Imħallef jagħmel referenza għall-fatt illi l-Magistrat ikkonċernata ma kenitx infurmat lill-persuni suspettati li kien daħal rikors għall-ħrug ta' 'monitoring order'. Apparti l-fatt illi hu kuntrarju għal kull loġika li min qed jinvestiga hu mistenni li jinforma lis-suspettat dwar l-investigazzjoni, donnu l-Imħallef qatt ma sema' bir-reat ta' "tipping off" (per eżempju, fl-Artikolu 30B(2) tal-Kap. 373). Frankament, ma nemminx illi l-Imħallef ma jafx b'dan ir-reat u reati simili oħra fejn si tratta ta' *money laundering* u traffikar ta' narkotici u ikun hemm ordnijiet ta' investigazzjoni *et similia* (eż Art. 24A(2) u (6A), Kap. 101). Dan il-paragrafu, ghalhekk, juri illi l-'forma mentis' tal-Imħallef kienet waħda illi xxaqleb lejn il-protezzjoni tal-appellanti, flok ma jipproteġi l-interessi tal-gustizzja.

Nasal għall-istess konklużjoni fir-rigward ta' diċitura fl-istess paragrafu dwar preżervazzjoni ta' tracċi ta' reat, fejn l-Imħallef jippretendi illi s-suspettati jiġu nfurmati biex jippreżervaw *huma* tali tracċi. Donnu l-Imħallef qed jokkupa univers parallel, fejn kriminali jmorru huma għand il-Pulizija u jagħtuhom l-indizzji tar-reat li huma suspettati li wettqu, u materjal ieħor. Ma naħsibx li, fil-fatt, l-Imħallef jgħix hemm, u għalhekk din id-diċitura għandha implikazzjonijiet serji.

**F'Para 116**, l-Imħallef donnu jitkaża bil-fatt illi *Repubblika* saru jafu illi l-Ministri suspettati kienu kkwotaw minn dokument (ir-Rapport Egrant) li **MA KELLHOMX AĊĊESS GĦALIEH** l-istess Ministri. Ma jikkummentax, però, l-Imħallef dwar kif il-Ministri setgħu kellhom aċċess għal dan l-istess Rapport. Wieħed ma jistax ħlief jikkummenta hawn illi hu ovvju li l-Imħallef ma jinkwetax u ma jitlifx irqad dwar dak li jagħmlu Ministri tal-iStat filwaqt illi hu anzjuż ħafna li jara li ċ-ċittadin ordinarju ma jkollux l-ardir jagħmel dak li jistgħu jagħmlu Ministri.

**Il-Paragrafi 120 u 124** tad-Digriet ikomplu juru kif l-Imħallef għandu 'expectations' dwar kif għandu jimxi ċ-ċittadin, liema aspettattivi ma jirrispekkjawx ir-rejaltà. Biżżejjed wieħed isaqsi kif, fid-dinja ta' veru, wieħed jista' jippretendi illi tali ċittadin ikollu aċċess għal 'servers', 'emails' u 'audit trails' tas-suspettati? Li jinkiseb dan l-aċċess hu eżattament ix-xogħol tal-Pulizija, u hu preċiżament għalhekk illi jkun hemm talba għal investigazzjoni, liema investgazzjoni tiġi frustrata jekk isir dak li l-Imħallef jippretendi (ara Para 113)

**F'Para 122** l-Imħallef jippekka bil-kbir: jagħmel referenza (kif ġa għamel f'każ ieħor fejn l-Onor. Simon Busuttil kien għamel talba għal investigazzjoni in konnessjoni mal-kumpanija 17 Black, milqugħa mill-Maġ. Ian Farrugia, miċħuda fl-appell mill-Imħallef Grixti) għall-preżunzjoni tal-innoċenza tal-AKKUŻAT <u>fil-proċess ġudizzjarju stadju investigattiv</u> (meta fil-każ odjern għad ma hemm la akkużat u wisq anqas proċedura ġudizzjarja biex tiddetermina xi ħtija). B'ġibda ta' loġika u semantika li tħalli lil min jaqraha bla nifs, jestendi din il-preżunzjoni biex jikkreja ambjent ta' immunità minn <u>investigazzjoni</u> għall-Ministri u uffiċjali pubbliċi għolja oħra, li donnu issa għandhom drittijiet li jirrispekkjaw aktar pajjiż maħkum mill-prepotenza u l-privileġġ milli mid-dritt. Falcone u Borsellino, anke jekk sema' bihom l-Imħallef, li investigaw mhux biss lill-Mafia iżda wkoll lill-kollaboraturi tagħhom, mietu għal xejn.

**F'Paragrafi 126 u 127**, l-Imħallef jgħid illi dak li inġab quddiem il-Maġistrat kull ma kien hu kollezzjoni ta' opinjonijiet li *Repubblika* "għażlu li jgħaqqdu flimkien". Donnu illi l-Imħallef ma rax dak li nannetti ma' din l-ittra (Anness A), mislut mir-rikors promotur: ma jistax l-Imħallef igħid li ma kellu ċans jara r-rikors, stante illi minkejja li d-digriet tiegħu kellu jingħata bl-"urġenza", dam ġimgħat fuq ġimgħat biex itieħ.

BCGL
ADVOCATES

Dawn, ta' hawn taħt, huma fatti, mhux konġetturi jew elementi ta' xi "conspiracy theory", huma il-"fatti" u l-"partikularitajiet kollha" li jsemmi l-Artikolu 536 tal-Kap. 9.

Dan qed jingħad mingħajr preġudizzju għal dak li għandu jinżamm quddiem għajnejn kulħadd, u cioè illi l-media (inkluż l-'blogosphere') huma r-raba' kollona ta' stat maħkum mid-dritt, il-meżż li bieħ iċ-ċittadin iżomm għajnejħ fuq l-'Establishment' u jittanta li jżomm responsabbli għal egħmilhom il-komponenti tiegħu.

Nagħmel referenza, għalhekk, għar-Regoli 15 u 16 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Membri tal-Ġudikatura u nissottometti illi l-Imħallef Grixti mexa b'mod li ma żammx quddiem għajnejħ:

*"Members of the Judiciary shall carry out their duties according to the dictates of their conscience, objectively and without fear, favour or prejudice, and in keeping with the laws and customs of the land"*

*"Members of the Judiciary, in the performance of their duties, shall set aside all prejudice and decide cases objectively and solely on their legal and factual merits."*

Minbarra dan, infakkar illi l-Imħallef naqas li jirrispetta l-Art 546(4B) tal-Kodiċi Kriminali meta ma ddeċidiex l-appell b'urgenza (li tfisser, normalment, ftit granet u mhux gimgħat fuq gimgħat)

Nissottometti fid-dawl ta' dak indikat hawn fuq illi l-Imħallef ġab il-ġudikatura, li għandha anke skond il-Kostituzzjoni tkun ġeluza li timxi, u li tidher li qed timxi, b'imprazjalità, indipendenza, integrità u onestà, "into disrepute" b'tali mod illi kiser l-obbligi etiċi u kostituzzjonali tiegħu,

Għoddni tiegħek

Andrew Borg Cardona

**Anness A**

Fil-qosor, dawn huma l-**FATTI**, u mhux konġetturi jew ipoteżijiet, li l-Imħallef injora:

*a) kien biss **wara** li tali kopja tal-kuntratt giet tabled fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Raprezentanti li l-Gvern Malti kien ta d-dritt lis-socjeta Vitals Global Healthcare li at the sole discretion of the grantee" iggedded hi l-koncessjoni ghal perjodu ta 99 sena fuq it-tliet sptarijiet*

*b) l-MOU kien iffirmat hames xhur QABEL mal-istess Gvern Malti ippublika, permezz ta Projects Malta li taqa taht ir-responsabbilita Ministerjali tal-Ministru Konrad Mizzi, r-Request for Proposals ghal kulmin kien interessat*

*c) fil-mandat t'inibizzjoni fil-QORTI li Ashok Rattehali (wiehed mill-investituri tal-progett sa mill-bidunett) kien ipprezenta f Dicembru 2017 kontra Bluestone johrog car li fihom kien hemm emails inkriminanti u li **Ram Tumuluri u ohrajn kienu jafu bid-dettalji tar-Request for Proposal ferm QABEL ma dan kien ippublikat fl-2015**.*

*Huwa fatt li minn dokumenti esebiti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili minn Ashok Rattehali sirna nafu li fl-20 ta Dicembru 2017, tard bil-lejl, kien hemm laqgha fl-Ufficju tal-Prim Ministru Joseph Muscat biex jigi finalizzat it-trasferiment lil Steward Global Healthcare u li ghalih kienu prezenti wkoll Ram Tumuluri, Keith Schembri u l-Ministru Konrad Mizzi.*

*Huwa fatt li minn dawn l-atti tal-mandat t inibizzjoni ipprezentati b gurament fil-Qorti f Dicembru 2017, Ashok Rattehalli wera **li Ram Tumuluri u ohrajn kienu jafu bid-dettalji tar-Request for Proposal ferm QABEL ma' dan kien ippublikat fl-2015**[1]. Dan hu FATT, u min jghid mod iehor ikun qed jigdeb ghal interessi personali. DIN WAHEDHA HIJA RAGUNI BIEX TISKATTA INKJESTA. Din wahedha TINTEN U MIN MA JXOMMHIEX TINTEN JEW GHANDU IMNIEHRU MIZDUD JEW TANT KEMM HU MAHMUG HU LI MHUX KAPACI JXOMM L-INTIENA.*

[1] Dok16 **Vitals investor tried to stop sale of Malta hospitals concession to Steward Healthcare 23 January 2018** https://theshiftnews.com/2018/01/23/vitals-investor-tried-to-stop-sale-of-malta-hospitals-concession-to-steward-healthcare/

*Huwa **fatt** ukoll li d-dokumenti esebiti minn Ashok Rattehalli jikkonfermaw dak li l-gurnalizmu investigattiv u dak li l-esponenti issottomettew li saru: **Memorandum of Undertsanding** iffirmat **23.11.2014**, u **Undersatanding and Promissory Note** iffirmat **fis-7.01.2015** bejn l-investituri li xhur wara intaghzlu mill-Gvern.*

***Huwa fatt li: f Ottubru 2014** il-Gvern Malti, permezz tal-Ministru Chris Cardona, iffirma Memorandum of Understanding SIGRIET man-negozjanti li hemm mohbija wara l-VGH;*

*Huwa fatt li dan l-MOU sar **hames (5) xhur QABEL** ma Projects Malta (li tigi taht ir-responsabbilita Ministerjali tal-Ministru Konrad Mizzi) ippublikat ir-Request for Proposals ghal min kien interessat jiehu f idejh it-tmexxija tat-tliet sptarijiet pubblici Maltin u Ghawdxin;*

*Huwa fatt li fi **Frar 2015,** u cjoe XAHAREJN QABEL ma hareg ir-Request for Proposals, il-VGH kienet diga bdiet tirreklama **b dettalji dak li kellu jkun (u fil-fatt, kien) fih** ir-RFP (vide **Sunday Times** tal-21 ta Jannar 2018);*

*Huwa fatt li fl-**20 ta' Marzu 2015** il-gurnalista **Daphne Caruana Galizia** kitbet li l-Gvern Malti kien diga (b'mod klandestin) lahaq ftehim ma' **Oxley Capital Group** biex imexxu l-isptar Generali ta' Ghawdex, l-isptar san Luqa u l-isptar Karen Grech[2] u dan **QABEL** biss kien hareg ir-Request for Proposals mill-Ministeru tas-Sahha.*

*Huwa fatt li f'**Jannar 2015** Oxley Capital Group kienu baghtu lil Ram Tumuluri, fl-ufficju ta' PriceWaterHouse Coopers f'Malta fejn dan kien ghamilha cara li Oxley Capital Group kellha diga ftehim mal-Gvern Malti dwar l-isptar ta' Ghawdex u dak ta' San Luqa;*

*Huwa fatt li **Ram Tumuluri kellu power point presentation (ara Dok.46) li kien qed juriha lil banek Maltin (inkluz lil BOV) fi Frar 2015, u cjoe QABEL ma' hareg l-RFP;***

---

2 https://daphnecaruanagalizia.com/2015/03/the-government-already-has-its-investor-for-gozo-hospital-oxley-capital-group/

*d) fit-23 ta Novembru 2014 l-investituri AGMC Inc, Ram Tumuluri (li kien qed jirraprezenta lil AGMC fil-Memorandum of Understanding sigriet tal-2014 li kien iffirmat mal-Ministru Chris Cardona) permezz tas-socjeta tieghu registrata fil-British Virgin Islands) u Mark Pawley (permezz ta Bluestone Investments registrata wkoll fil-Britsh Virgin Islands) iffirmaw Memorandum of Understanding iehor bejniethom li kien jinkludi fih dettalji specifici ta dak li kellu jkun (u fil-fatt, kien) fih ir-Request for Proposals li l-Ministru Konrad Mizzi ippublika f Marzu 2015, jigifieri hames xhur wara;*

*e) 31 ta Mejju 2016 Daphne Caruana Galizia sahansitra ippublikat (https://daphnecaruanagalizia.com/2016/05/hospital-privatisation-corruption-scandal-john-dalli-negotiates-subcontractors-dubaikeith-schembri-pledges-business-work-go/) due diligence report li jikkundanna lil Vitals, liema rapport kien thejja minn socjeta ta konsulenza ewlenija fuq inkarigu ta wiehed mill-klijenti potenzjali tal-VGH. Ir-rapport jghid li c-Chief of Staff tal-Prim Ministru Keith Schembri u l-Ambaxxatur ta Malta f Dubai, Anthony Tabone, kienu hobza u sikkina ma Ram Tumuluri u Shaukat Ali Chaudry, deskritt fid-due diligence report bhala konsulent tal-Prim Ministru Joseph Muscat fl-2013 u iktar tard zvelat li kien wiehed mill-investituri fil-Vitals sa minn tmiem l-2013.*

*f) Skond dan ir-rapport u studju ta due diligence, Keith Schembri (Chief of Staff tal-Prim Ministru) kien wieghed lil kumpanija ta kuntratturi Indjani Shapoorji Pallonji u Global Health Care (li tinsab fl-Emirati Arab Maghqudin) li huma kienu jirbhu l-progett tal-privatisation tal-isptarijiet JEKK huma jahdmu ma Ram Tamuluri u Shawkat Ali Abdul Ghafour Chaudry.*

*g) l-Ministru tal-Finanzi Edward Scicluna, li approva numru ta side letters biex VGH inghataw miljuni ta euro addizzjonali:*

*kien konxju tas-set up ultra kumplikat u mistur tal-VGH,*

*kien jaf li l-ultimate beneficiary owner tal-VGH kien mohbi u mhux maghruf,*

*kien jaf bil-limitazzjonijiet finanzjarji kbar li share capital ta €1,200 tal-VGH kien ser igib mieghu f progett ta mijiet ta*

*miljuni ta euro (suppost) ghax hemm ebda bank ma jkun lest isellef lil socjeta f share capital hekk baxx ghal progett hekk kbir,*

*kien jaf li ebda wahda minn dawn it-tliet socjetajiet qatt ma ipprezentat l-audited financial statements lil MFSA skond il-ligi (socjetajiet fdati u moghtija s-servizz tas-sahha pubblika ta pajjizna),*

*kien jaf li kien jidher ragjonevolment kaz prima facie ta wrongful trading, fraudulent trading u/jew falliment doluz (sija skond il-Companies Act u sija skond il-Kodici Kriminali),*

*u xorta wahda approva zieda ta 18-il miljun lil VGH (oltre €16.5 miljun li l-gvern kien diga hallas matul is-sena) wara li kien diga fid-dominju pubbliku li l-VGH kellha djun kbar (vicin il-€50 miljun) minn meta inghatat il-kuntratt mill-Gvern Malti,*

*u meta kien zgur jaf li l-Gvern Malti seta facilment jipprovdi garanzija tal-Gvern Malti sabiex VGH ikunu jistghu jiehdu self minn bank kif kien ghamel fil-kaz tal-Electrogas sentejn ilu fejn hu approva garanzija tal-Gvern ghal €360 miljun sabiex l-Electrogas setghet tiehu loan mill-banek.*

*h)* ***<u>hu FATT li l-VGH hallew warajhom hofra ta' €50 miljun dejn u dan hadd ma jista jichdu.</u>***

*i) Li* ***l-VGH gidbu lir-Registry of Companies u bil-komplicita ta ufficjali pubblici Maltin, inkluz Ministri tal-Gvern, gie kommess, tal-anqas, ir-reat tal-falz ideologiku meta fis-****16 ta Frar 2018 l-indirizz tas-socjeta inbidel ghal 171, Old Bakery Street, Valletta u fil-21 ta Frar 2018 Ganado Advocates kitbu ittra lir-Registry of Companies (innutata fir-Registry bhala Unregistered Document) biex tghidlu li Ganado Advocates QATT ma kienu mitkelma biex jaghtu l-kunsens taghhom biex jintuza l-indirizz taghhhom ghar-registered office ta VGH. Dan hu FATT u huwa REAT.*

*j) is-socjeta li dahlet flok VGH biex tmexxi t-tliet sptarijiet pubblici taghna ghandha share capital ta $1,500 biss, u din suppost ser tinvesti mijiet ta miljuni ta euro fl-isptarijiet Maltin;*

*k) li r-rikorrenti jafu personalment li sal-ahhar tas-sena 2017, Sri Ram Tumuluri kien xtara iktar minn €600,000 (sitt mitt elf euro) mill-flus li l-VGH kienet qed tircievi mill-Gvern biex xtara biljetti tal-ajru mill-agenzija Royal Travel ta 68, Triq Geronimo Abos, Iklin li hi proprjeta ta certa Lily Muscat, u dan f inqas minn sena u nofs. Matul dawn il-vjaggi, Ram Tumuluri kien qieghed ihejji l-bazi ghall-espansjoni tal-VGH barra minn Malta pero bi flus li l-Gvern Malti kien qed ihallas lil VGH li suppost intefqu fl-isptarijiet f Malta u Ghawdex*

*l) li l-Gvern Malti, rapprezentat mill-Ministru Chris Cardona iffirma ftehim ma socjeta li ghandha 30% tas-sidien taghha mohbija, ghal kuntratt eventwali li gie iffirmat fl-2016 ta 2.1 biljun;*

*m) li* ***Deutsche Bank u l-istituzzjoni finanzjarja Allianz*** *(zewg ismijiet ta serjeta kbira fil-qasam finanzjarju internazzjonali) kienu irrfjutaw li jestendu self lil VGH;(vide Dok18 ) f indikazzjoni carissima li dawn iz-zewg istituzzjonijiet bankarji maghrufa ghas-serjeta skrupoluza taghhom ma kienux lesti jafdaw bi flushom lil VGH.*

*n) Fis-6 ta Frar 2018, Dr Josie Muscat, direttur ta Sptar St. James, meta kien intervistat fuq Net TV:-*

*semma* ***pubblikament*** *il-laqgha li huwa kellu ma Ram Tumuluri u Shaukat Ali; qal li ghandu evidenza li Ram Tumuluri huwa vicin hafna tal-Ministru Konrad Mizzi u tal-Ufficju tal-Prim Ministru, qal li Ram Tumuluri kien ghamilha fatta" qabel ma hareg l-RFP, li Ram Tumuluri kien diga jaf li l-VGH ser ikollha d-dritt li testendi l-koncessjoni emfitewtika ghal 99 sena;* ***wera li Ram Tumuluri kellu power point presentation (ara Dok.46) li kien qed juriha lil banek ta Frar 2015 u cjoe QABEL ma hareg l-RFP;***

*Huwa iddikjara li hu fatt li VGH ma kellha ebda esperjenza fil-qasam tas-sahha, u qal li VGH kienet diga irceviet mill-Gvern Malti IKTAR minn €100 miljun grazzi ghal diversi side letters li obbligaw lill-Ministeru tal-Finanzi, fuq direttivi mill-Ufficju tal-Prim Ministru, jghaddi IKTAR flejjes lil VGH minn dak pattwit fil-kuntratt tal-2016; ddikjara li Ram Tumuluri u uhud mill-*

*investituri l-ohra tal-VGH kienu fethu ufficju fl-Izvizzera (li l-esponent jista jiddikjara li jaf li dan fil-belt ta Zurich) u li l-miljuni li l-VGH hadu ta xejn u ghal xejn mill-Gvern Malti kienu fil-fatt marru biex jinbena din il-klinika fl-Izvizzera;*

*o) EBDA wahda mill-concession milestones tal-VGH ma intlahqet u xorta wahda l-Gvern la impona penali u lanqas zammhom milli jitrasferixxi ishma!*

*p) l-kumment tal-20.1.2019 ta' l-ex Ministru tas-Sahha l-**On Godfrey Farrugia,** meta kienu hergin iktar fatti fil-pubbliku grazzi ghall-investigazzjonijiet ta' TheShiftNews, dwar il-kuntratt tal-VGH: "Now you know what was going on in the Office of the Prime Minister, and why OPM wanted to change my portfolio from the Minister for Health to social services or the environment," fejn allura indika car li hu kien tnehha minn Ministru tas-Sahha mill-Prim Ministru Joseph Muscat sena biss wara l-hatra bhala tali semplicement ghax hu ma kienx lest jaccetta l-kuntratt propost tal-Vitals, li sa dak iz-zmien kien qed jigi nnegozjat/miftiehem/diskuss;*

*q) bdew jinghalqu offshore companies sigrieti f'Jersey marbutin ma' dan il-kuntratti u li permezz taghhom jithalsu l-commissions (tixhim) **l-ghada** li l-esponenti intavolaw it-talba taghhom tat-13 ta' Mejju 2019;*